2025/2409

2.12.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2409

tal-1 ta' Diċembru 2025

li jagħmel l-importazzjonijiet ta' materjal mhux minsuġ magħmul direttament minn fibri tal-PET, li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, soġġett għar-reġistrazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Wara li infurmat lill-Istati Membri,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") ħabbret, permezz ta' avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]), il-bidu ta' proċediment anti-dumping fir-rigward ta' importazzjonijiet fl-Unjoni ta' materjal mhux minsuġ magħmul direttament minn fibri tal-PET li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

(2) Dan il-bidu segwa lment imressaq fit-8 ta' Awwissu 2025 minn Freudenberg Performance Materials and Johns Manville f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' materjal mhux minsuġ magħmul direttament minn fibri tal-PET.

1. PRODOTT SOĠĠETT GĦAR-REĠISTRAZZJONI

(3) Il-prodott soġġett għar-reġistrazzjoni("il-prodott ikkonċernat") huwa ċerti folji mhux minsuġa trattati bil-labar ta' filamenti tal-poliester, kemm jekk imsaħħa bil-fibri tal-ħġieġ kif ukoll jekk le, li jiżnu aktar minn 70 g/m², bi ħxuna ta' aktar minn 0,5 mm iżda mhux aktar minn 1,8 mm, mimlijin b'legant wieħed jew aktar, li fihom inqas minn 30 % ta' fibri tal-ħġieġ skont il-piż, mhux miksija jew mgħottija, li bħalissa huma kklassifikati taħt il-kodiċijiet NM ex 5603 13 90, 5603 14 20 u ex 5603 14 80 (kodiċijiet TARIC 5603 13 90 70 u 5603 14 80 70).

2. REĠISTRAZZJONI

(4) Skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat jistgħu jsiru soġġetti għar-reġistrazzjoni bl-għan li jiġi żgurat li, jekk l-investigazzjoni tirriżulta f'sejbiet li jwasslu għall-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping, dawk id-dazji jistgħu, dment li l-kundizzjonijiet meħtieġa jiġu ssodisfati, jiġu imposti retroattivament fuq l-importazzjonijiet irreġistrati f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali applikabbli.

(5) Il-Kummissjoni ddeċidiet fuq inizjattiva tagħha stess, li tagħmel l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat soġġetti għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku. Il-kundizzjonijiet għall-ġbir retroattiv tad-dazji se jiġu vvalutati fir-regolament li jimponi dazji definittivi, jekk ikun hemm.

(6) Kwalunkwe obbligazzjoni futura tiġi mis-sejbiet tal-investigazzjoni anti-dumping.

(7) Il-kalkoli li ngħataw fl-ilment li jitlob il-bidu ta' investigazzjoni anti-dumping jistmaw marġnijiet tad-dumping ta' bejn 51 % u 116 % u livell ta' eliminazzjoni tad-dannu ta' bejn 50 % u 60 % għall-prodott ikkonċernat għas-sena 2024. L-ammont ta' obbligazzjoni futura possibbli normalment jiġi stabbilit fl-aktar livell baxx ta' dawk iż-żewġ livelli f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku.

(8) Madankollu, f'dan l-istadju, il-Kummissjoni mhijiex f'pożizzjoni li tagħti stima tal-ammont ta' obbligazzjoni futura possibbli. Għalhekk, l-ammonti msemmija fl-ilment huma biss għal skopijiet ta' informazzjoni u ma jistgħux joħolqu aspettattivi dwar il-livell attwali ta' obbligazzjoni li se jiġi stabbilit b' riżultat tal-investigazzjoni.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1036/oj.
([2]) ĠU C, C/2025/5010, 15.9.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5010/oj.

3. **IPPROĊESSAR TA' DATA PERSONALI**

(9) Kwalunkwe data personali miġbura fil-kuntest ta' din ir-reġistrazzjoni tiġi ttrattata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-awtoritajiet doganali huma b'dan ordnati, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (UE) 2016/1036, biex jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti folji tal-filamenti tal-poliester imtaqqbin bil-labra mhux minsuġa, kemm jekk imsaħħa bil-fibri tal-ħġieġ kif ukoll jekk le, li jiżnu aktar minn 70 g/m^2, bi ħxuna ta' aktar minn 0,5 mm iżda mhux aktar minn 1,8 mm, mimlijin b'legant wieħed jew aktar, li fihom inqas minn 30 % ta' fibri tal-ħġieġ skont il-piż, mhux miksija jew mgħottija, li bħalissa huma kklassifikati taħt il-kodiċijiet NM ex 5603 13 90, 5603 14 20 u ex 5603 14 80 (kodiċijiet TARIC 5603 13 90 70 u 5603 14 80 70) u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Diċembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([3]) **Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (**ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).